## MIN HU ĠESÙ GĦALINA?

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Żakkarija**
**Żakk 12, 10-11**

Dan igħid il-Mulej: Fuq id-dar ta' David u fuq dawk li jgħammru f'Ġerusalem insawwab spirtu ta' ħniena u talb. U huma jħarsu lejn dak li jkunu nifdu, u jibkuh bħal wieħed li jibki 'l ibnu l-waħdieni, u jokorbu għalih bħal min jokrob għal ibnu l-kbir. Dak in-nhar il-biki ta' Ġerusalem ikun kbir daqs il-biki ta' Ħadad-Rimmon fil-wita ta' Megiddo'.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 62**
**Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.**

O Alla, int Alla tiegħi!
Għalik inbakkar jiena.
Għalik għatxana ruħi,
Ġismi qiegħed inin għalik,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.

**R/. Għalik, għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.**

Irrid niġi naħseb fik fit-tempju,
Biex nara s-setgħa tiegħek u l-glorja tiegħek.
Għax il-grazzja tiegħek aħjar mill-ħajja,
Xofftejja jfaħħruk.

**R/. Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.**

Hekk inbierkek ħajti kollha,
U f'ismek nerfa' idejja.Bħalma jien nimtela b'ikel li jsemmen,
Hekk fommi jgħanni b'xofftejn ferrieħa.

**R/. Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.**

Għax int kont għajnuna għalija;
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Ruħi miegħek tqabbad;
Lili żżommni l-leminija tiegħek.

**R/. Għalik għaxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin.**
**Gal 3, 26-29**

Ħuti: Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesu'. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu. Issa m'hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, m'hemmx ilsir u anqas ħieles, m'hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesu'. Imma jekk intom ta' Kristu, intom ukoll ulied Abraham, werrieta skond il-wegħda.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Il-mogħdijiet tiegħek, Mulej, għarrafni,
mexxini fis-sewwa tiegħek.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-EvanĠelju ta' San Luqa.**
**Lq 9, 18-24**

Darba, waqt li Ġesu' kien qiegħed jitlob waħdu, kien hemm miegħu d-dixxipli tiegħu, u hu staqsiehom: "Min igħidu n-nies li jien?'' Huma weġbuh u qalulu: "Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, li qam wieħed mill-profeti ta' l-imgħoddi.'' Qalilhom: "Intom, iżda min tgħidu li jien?'' Qabeż Pietru u qallu: "Inti l-Messija ta' Alla.'' Imbagħad ikkmandahom u ordnalhom ħafna biex ma jgħidu lil ħadd b'dan. U qalilhom li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mix-xjuħ u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum.
Darba qal lin-nies kollha: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, dan isalvaha.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu**